# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 05/2014**

**GO FUELS LIMITED**

**Vs**

**DIRETTUR GENERALI TAL-KUNTRATTI**

**u**

**GOZO CHANNEL COMPANY LIMITED**

Il-Qorti,

Rat il-lodo arbitrali moghtija mit-Tribunal tal-Arbitragg fil-15 ta' Jannar 2014 fejn gie deciz:-

*'Konsiderazzjonijiet tal-Arbitru*

*Is-socjeta' Salvu Zammit & Sons Ltd kienet rebhet kuntratt ghall-provvista ta' marine gas oil wara li d-Dipartiment tal-Kuntratti, fuq talba tal-intimata Gozo Channel Co.Ltd, kien habbar sejha ghall-offerti. Il-kuntratt bejn Gozo Channel*

*Co.Ltd u Salvu Zammit & Sons Ltd gie konkluz fls-27 ta' Mejju 2011 u wara s-soejeta' rikorrenti GO Fuels Ltd assumiet maghha l-obbligi kontrattwali permezz ta' ftehim iehor datat 10 ta' Settembru 2012.*

*Dan l-arbitragg jirrigwarda l-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti dwar kif kienu qeghdin isiru l-pagamenti mis-socjeta' intimata. Hi qed titlob li l-kuntratt jigi terminat abbazi ta' (i) bdil unilaterali fil-metodu tal-hias mis-socjeta' intimata u (ii) il-kancellament unilaterali minnha ta' xi pagamenti dovuti.*

*Sostanzjalment il-punt in kontestazzjoni huwa dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt li abbazi tieghu Go Fuels kienu rebhu tender biex jipprovdu l-gas oil lil vapuri tal-Gozo Channel Ltd u senjatament x'inhi l-konsegwenza meta 1-pagament ikun tardiv b'iktar minn tietin jum mid-data meta 1-kont ikun intbaghat.*

*Ir-rikorrenti qed isostnu li l-intimati huma tardivi fil-pagament meta l-pagamenti jsiru 30 days after delivery of bunkers on board the vessel/s. Minn-naha l-ohra l-intimati Gozo Channel jsostnu li dment li l-pagament ma jsirx aktar tard minn 120 gurnata minn meta jintalab il-hlas tal-prezz tal-invoice, il-konsegwenza tkun li jista' jintalab l-imghax izda mhux it-terminazzjoni tal-kuntratt kif qed jigi mitlub mir-rikorrenti f dana l-arbitragg.*

*Id-direttur tal-kuntratti preliminarjament wiegeb li hu mhux il-legittimu kontradittur u fil-mertu ressaq l-istess argumenti li ressqet l-intimata 1-ohra.*

*L-artikoli tal-ftehim bejn il-partijiet l-aktar rilevanti ghas-soluzzjoni ta' dina 1-vertenza huma s-segwenti:*

*Special Conditions:*

*Article 26:1 Payments shall be made by Gozo Channel Co.Ltd. These payments are to be effected after 30 days after delivery of bunkers on board the vessel/s. No payments will be issued by Gozo Channel Co. Ltd to third parties.*

*Gozo Channel Co.Ltd will effect payment only to the contracted supplier. The supplier is sole responsible to pay third parties.*

*Article 28:1 Delayed payments*

*Once the deadline laid down in Article 26: 1 above has expired: the Contractor may, within two months of late payment, claim late-payment interest at the rediscount rate applied by the issuing institution of the country of the Contracting Authority on the first day of the month in which the deadline expired.*

*General Conditions*

*Article 26(3) Sums due shall be paid within no more than 30 calendar days from the date on which an admissible payment request is registered by the competent department specified in the Special Conditions.*

*28 (1) The Contracting Authority shall pay the Contractor sums due within 30 days of the date on which an admissible payment is registered, in accordance with Article 26 of these General Conditions. The period shall begin to run from the approval of these documents by the competent department referred to in*

*Article 26.1 of the Special Conditions.*

*28(2) Once the deadline laid down in Article 28(1) has expired, the Contractor may, within two months of late payment, claim late-payment interest.*

*28(3) Any default in payment of more than 90 days from the expiry of the period laid down in Article 28. 1, shall entitle the Contractor either not to perform the contract or to terminate it, with 30 days' prior notice to the Contracting Authority, the Central Government Authority and the Project Manager.*

*Jikkunsidra*

*Illi kif gja nghad s-socjeta' rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li l-imsemmi kuntratt jista' jigi terminat a bazi ta'*

*1 . Bdil unilaterali tal-metodu tal-hlas*

*2. Kancellament unilaterali ta' pagamenti dovuti.*

*1.Bdil unilaterali tal-metodu tal-hias.*

*Illi l-allegazzjoni tas.-socjeta' rikorrenti tinkwadra ruhha fl-applikazzjoni u 1-interpretazzjoni tal-artikolu 26 u 28 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-Kuntratt u l-artikolu 28 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt.*

*Illi s-socjeta' rikorrenti tissottometti li l-pagamenti ghandhom isiru mal-iskadenza ta' 30 gurnata. Hi tghid li dan jirrizulta car mill-ftehim u ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta' interpretazzjoni. Issostni li s-socjeta' intimata dejjem hallset il-pagamenti ftit qabel l-iskadenza ta' 90 gurnata u mhux mal-iskadenza ta' 30 gurnata. Ir-regola kellha tkun li l-hlas isir mal-iskadenza ta' 30 gurnata u l-hias tardiv kellu jkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola. Ghalkemm is-socjeta' rikorrenti tikkoncedi li l-kuntratt ma jistax jigi terminat jekk hlas isir wara 30 gurnata imma entro 120 gumata dan ma jfissirx li dak stipulat bhala metodu ta' hlas fil-kiawsola 26.1 tal-Kundizzjonijiet Specjali ghandu jigi skartat jew mibdul unilateralment mis-socjeta' intimata.*

*Is-socjeta' intimata, u d-Direttur ta1Kuntratti, min naha l-ohra jissottomettu li l-interpretazzjoni tal-artikolu 26(1) hija carissima u tfisser li l-hiasijiet m'ghandhomx isiru qabel 30 jum minn meta z-zejt jigi mghobbi fuq il-bastiment u mhux li l-hlasijiet iridu jsiru fi zmien 30 jum kif qed jigi allegat mis-soejeta' rikorrenti.*

*Kwantu ghall-artikolu 28(1) tal-Kundizzjonijiet Spcejali tal-Kuntratt is-socjeta' intimata ssostni li skont il-kuntratt meta jinqabez it-terminu ta' 30 jum, il-konsegwenza hija hlas ta' imghax, izda ma jfissirx li l-hlas kellu necessarjament isir fi zmien 30 jum. Dan l-artikolu jispjega biss x'imghax ghandu jithallas u b'liema rata.*

*Kwantu ghall-artikolu 28(3) tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt, dan jispecifika f'liema stadju ta' pagament tardiv tista' tintalab it-terminazzjoni tal-kuntratt. Dan jista' jsehh biss, skont dan l-artikolu, wara 120 gurnata minn meta pagament ammissibili jigi registrat. Ghalhekk f'dana l-kaz it-talba tas-socejta' rikorrenti ma tistax tintlaqa billi s-socjeta' intimata dejjem hallset qabel il-120 gurnata.*

*Illi l-argument tal-intimati ghalhekk huwa li anke jekk jigi aceettat il-hlas kellu jsir mal-iskadenza tat-30 jum, in-nuqqas li jsir pagament f'tali skadenza, ma jaghti ebda fakolta' lis-socjeta' rikorrenti li titlob it-terminazzjoni tal-ftehim, billi qatt ma avveraw ruhhom il-kundizzjonijiet ravvizati fi-artikolu 28:3 u l-aktar li tistà titlob huwa l-imghax skont l-artikoklu 28(1).*

*Illi l-arbitru jaqbel mas-socjeta' rikorrenti li l-metodu tal-hias tal-pagamenti kellu jsir wara l-iskadenza ta' 30 gurnata u mhux fi zmien tietin gumata. Il-financial controller tas-socjeta'Gozo Channel xehdet diversi drabi li hlas wara tietin gurnata huwa hlas tardiv. Qalet testwalment li 'kieku ghandi l-fmanzi nigi sewwa bhala credit terms'*

*Illi l-ftehim pero jipprovdi wkoll li jekk il-hlas isir wara tietin gurnata, is-socjeta' rikorrenti ghandha dritt ghal imghax u jekk in-nuqqas ta' hlas jaqbez l-120 gurnata allura s-socjeta' rikorrenti ghandha dritt li tittermina l-kuntratt.*

*Ghalkemm l-kuntratt jista' jigi interpretat bil-mod kif qed jigi interpretat mill-intimati u ghalhekk bhala tali s-socjeta' rikorrenti ma tistax titlob ix-xoljiment tal-kuntratt izda mill-provi jirrizulta li s-socjetà intimata kienet taf li kellha credit term ta' 30 days u mhux ta' 90 jew 120 days u dan, kif gja nghad, xehditu diversi drabi l-financial controller tas-socjeta intimata. Hi kkonfermat ukoll li t-terminu ta' tietin gumata gie prolungat unilaterlament u b'decizjoni tal-Bord tal-Gozo Channel minghajr ma infurmat lis-socjeta' rikorrenti, minhabba problem ta' likwidita'. Is-scoejta' rikorrenti, ghalkemm kienet oggezzjonat ghal*

*dak il bdil fl-mod ta' pagamenti, xorta wahda pero' baqghet tithallas b'dik il-modalita'.*

*Ghalkemm is-socjeta' rikorrenti tirrikonoxxi li l-kuntratt ma jistax jigi terminat a bazi tal-artikolu 28 tal-Kundizzjonijiet Generali qabel il-120 gurnata, ghaliha dan ma jfissirx li ma kienx hemm ukoll ksur tal-obbligi kuntrattwali minn naha tas-socjeta' intimata li jiggustifika terminazzjoni tal-kuntratt ai termini tal-Kiawsola 35 tal-kuntratt kif ukoll ai termini tal-ligi.*

*Illi 1-artikolu 35(1) tal- Kundizzjonijiet Generali jipprovvdi li:*

*Breach of Contract and Termination.*

*A Party shall be in breach of contract if it fails to discharge any of its obligations under the contract.*

*(2) Where a breach of contract occurs, the injured Party shall be entitled to the following remedies: (a) damages; and/or (b) termination of the contract.*

*Illi s-socjeta' intimata ssostni li gialadarba jezisti artikolu specifiku fil-ftehim li jittratta z-zminijiet tal-hlas u n-nuqqas ta' tharis tal-metodi tal-hlas li jistghu jwassalu ghat-terminazzjoni, allura huwa dak l-artikolu specifiku li ghandu jipprevali u mhux l-artikolu generali, f'dan il-kaz, l-artikolu 35.*

*Id-Direttur tal-Kuntratti ssottometta li l-artikolu 35 japplika meta l-kumpanija rikorrenti ggib provi li, per ezempju, l-kumpanija intimata mhux qed thallas l-imghaxijiet jew qed thallas wara l-120 jum imsemmija fi-artikolu 28(3).*

*Illi fil-fehma tal-arbitru dana l-artikolu jista' japplika wkoll billi bhala klawsola generali jipprovdi ghat-terminanzzjoni tal-kuntratt meta ikun hemm kwalunkwe ksur tal-obbligi kuntrattwali fosthom anke l-artikolu 26 tal-kundizzjonijiet specjali, U mhux biss l-artikoli l-ohra imsemmija.*

*F'dan ir-rigward is-socjeta rikorrenti taghmel referenza wkoll ghall-artikolu 993 tal-Kap 16 li jipprovdi:*

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fthom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita' , bl-uzu jew bil-ligi.*

*Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fede. Il-korollarju ta' dan huwa li allura l-bona fede hija presunta, u salv prova kuntrarja, dak li jkun jittiehed li kkuntratta u agixxa in bona fede. Prova tal-bona fede ma tezistix. Hija desunta mill-fatti li jirrizultaw quddiem il-gudikant. Huwa n-nuqqas ta' bona fede li jrid jigi ppruvat u mhux bil-maqiub. F'dan il-kaz l-oneru tan-nuqqas ta' bona fede jispetta lis-socjeta rikorrenti.*

*Is-socjeta' rikorrenti issostni li s-socjeta' intimata, apparti li kissret l-obbligi kuntrattwali taghha, hija ma ezegwitx il-kuntratt in bona fede. Issostni li s-socjeta' intimata mill-bidu nett ma bdietx thallasx mal-iskadenza tat-30 gurnata, kif kienet ir-regola, billi kellha problema ta' likwidita' . Tghid li kellha problem serji finanzjarji tant li l-awdituri tal-kumpanija ma ridux jiffirmaw biex jigu pprezentati l-audited accounts. Skont ir-rikorrenti, is-socjeta' intimata dahiet fil-kuntratt bil-hsieb li ma thallasx ai termini tal-klawsola 26.1 tal-Kundizzjonijiet Specjali u ghalhekk ma kinitx in bona fede.*

*Is-socjeta' intimata ssottomettiet li, anke kieku kellu japplika l-artikolu 35 f'dan il-kaz, l-istess artikolu mhux applikabbili billi ma jinkwadrax ruhu mal-fattispecie tal-kaz billi s-socjeta intimata ma naqsitx mill-obbligi kuntrattwali tagbha u ghalhekk ma tistax tinsab hatja ta' breach of contract. Hi dejjem agixxiet in bona fede u fehmet li l-hias kellu jsir wara 30 gurnata u mhux mal-iskadenza ta' 30 gurnata u mxiet skont dina l-interpretazzjoni tal-kuntratt.*

*Illi skont il-ftehim il-pagament setgha jintalab wara li jiskadu tietin gurnata u meta dana ma jsirx il-kumpanija intimata tkun tardiva fil-pagamenti. Dan ammettietu l-istess financial controller tal-kumpanija intimata. Il-kreditu li kellha s-socjeta' intimata kien ta' 30 gumata u meta jghaddi dak it-terminu l-kumpanija kellha thallas. Il-financial controller tal-kumpanija rikorrenti Noel Vella xehed li according to accounting practice 30 days credit ifisser li invoice li tkun datata l-ewwel tax-xahar taghlaq u trid tithallas wara 30 gumata. In-norma ma tghidx li l-credit term huwa ta' 120 days imma ta' 30 gurnata. Ii-kumpanija intimata ghalhekk ma setghetx taqleb dana z-zmien ta' kreditu u unilateriment ittawlu f'wiehed ta' 120 gumata fuq il-pretiza li s-socjeta' rikorrenti tista' titlob biss l-imghax jew ghax il-kuntratt ma jistax jigi xolt hlief qabel jghaddu il-120 gumata.*

*Illi kemm Michael Zammit kif ukoll Jacqueline Mizzi xehdu li fil-bidu tal-kuntratt il-pagamenti kienu jsiru regolarment ftit granet wara li jiskadu t-tletin gurnata izda imbaghad minhabba in-nuqqas ta' likwidita' u l-posizzjoni mwergha tal-kumpanija, l-intimati bdew unilaterlament jipprolungaw il-pagamenti ghalkemm ghamlu mezz biex ma jaqbzux id-90 gurnata.*

*Is-socjeta intimata insistiet fm-nota ta' sottomissjonijiet taghha li s-sitwazzjoni finanzjarja taghha m'ghandhiex x'taqsam mal-mertu ta' dina l-kwistjoni u li l-arbitru ghandu jillimita ruhhu ghal kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt biss u xejn aktar. L-arbitru pero' ma jaqbilx ghal kollox ma' dina s-sottomissjoni billi fil-fehma tieghu huwa ghandu jivvalutaw l-argumenti kollha rilevanti li jigu sottomessi lilu u li ghandu jinterpreta l-ftehim fid-dawl ta' dak li jinghad fih u fid-dawl tac-cirkostanzi kif graw u li wasslu ghal konkluzzjoni tal-istess ftehim.*

*Illi fil-fehma tal-arbitru s-socjeta' rikorrenti irnexxilha tipprova li s-socjeta' intimata, sa mill-bidunett tal-ftehim diga' kienet f'posizzjoni li ma tistax tonora l-obbligi li kienet ser tassumi u li dak li gara wara, kien preveddibbili mill-bidu.*

*Il-financial controller, Jacqueline Mizzi tammetti li kienu qed jittardjaw fil-pagament u minn ftit jiem wara t-tletin gurnata bdew itawwlu sa 90 gurnata minhabba l-likwidita' tal-kumpanija li kienet ghaddeja minn perjodu prekarju.*

*Issemmi li kienu dahlu ghall-refurbishment tal-vapuri Malita, Gaulos u l-SPO4 (sussidju mill-Gvem) naqas hafna. Tghid li fil- 2011 meta gie iffirmat l-kuntratt il-likwidita' tal-kumpanija kienet tajba. Tghid ukoll li minn mindu gie iffirmat il-kuntratt f'Mejju tat-2011 ghamlu overhaul tal-vapur Malita b' valur ta' xi €1.8 million; ghamlu l-car deck ta' Pinu li kienet giet tiswa xi €7 miljuni. Barra minn hekk, qabel kienu jiehdu l-fuq minn €4 million sussidju mill-Gvem, izda dan nizel ghal xi €650,000 biss. Allura l-likwidita tal-kumpanija batiet. Tghid li dawn ix-xogholijiet kienu jafu li ser jaghmluhom meta iffirmaw il-kuntratt u ma gewx f'daqqa u kien hemm projections ghalihom. Ghalkemm il-financial controller tghid li fil-2011 il-qaghda finanzjarja tas-socjeta intimata kienet tajba u li l-investiment kapitali u xoghol fuq il-vapuri sar fit 2012, dan l-investiment ma sarx mill-lum ghal ghada u huma kienu jafu bthom minn meta kienu ser jidhlu fi ftehim mas-socjeta' rikorrenti fit-2011. Ir-rikorrenti isostnu li f'dak iz-zmien is-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta intimata kienet diga mwergha tant li rriferew ghal artikolu li deher f'gazzetta lokali li indika li s-sitwazzjoni fil-kumpanija intimata kienet diga' tant kritika li l-awdituri tal-kumpanija ma kienux lesti li japprovaw l-accounts tat-2011 minghajr xi tip ta' garanzija mill-Gvern.*

*Il-principju huwa li problemi finanzjarji ma jezonerawx lil dak li jkun mit-twettiq tad-doveri tieghu. Kif qalet il-Qorti tal-Appell ta' Firenze gewwa 1-Italja, fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Mejju, 1 950 "non costituisce impossibilita' ad adempiere per causa di forza maggiore, e per tanto non esonera della responsabbilita ' per inadempimento la difficolta' finanziaria del debitore a disfare le obbligazione assunte" (Ara Sciberras v. Busuttil deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu, 2005).*

*Il-bona fede hija l-fundament ta'kull kuntratt. Ghalkemm l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fide, ir-regola ta' agir bil-bona fide ghandha bl-istess kejl tapplika wkoll fl-istadju anterjuri ghall-formazzjoni tal-kuntratt. Hekk, fil-kawza Baldacchino v. Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta et, deciza mill- Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru, 2006, intqal a propositu:*

*“Innegabilment, il-metru ta’ dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b’adozzjoni, post xieraq anke fi-istadji anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt.*

*Hekk ukoll, il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza De Tigne Ltd. v. Micallef, deciza fl-10 ta’ Jannar, 2007, osservat illi: “Opportunement il-Qorti thoss ii ghandu jigi mfakkar illi l-buona fede ghandha spazju aktar ampju minn dak rizervat lilha ghall-kuntratti in generali bi-Artikolu 993 tal-Kodici Civili. In kwantu, regola ta’ mgieba hu mistenni li din tigi osservata mill-partijiet kemm fil-fazi in contrahendo, kif ukoll fil-konkluzjoni tal-ftehim u, b’mod specjali, fil-kors tal-ezekuzzjoni tieghu.”*

*Illi fil-fehma tal-arbitru l-provi juru li meta s-socjeta’ Gozo Channel Co.Ltd dahlet fdan il-ftehim diga kien jidher li hija ma kinitx f’posizzjoni li thallas bil-metodu miftiehem ta’ kreditu ta’ 30 gumata imma li kienet se tistrih fuq il-massimu tal-kreditu li setghet tiehu bl-interpretazzjoni li kienet ser taghti lill-kuntratt.*

*Illi b’kreditu ta’ tlett xhur minflok ta’ xahar, li s-socjeta’ intimata arrogat ghaliha nfisha, fi kliem Michael Zammit, is-socjeta’ rikorrenti tpoggiet gharrkuptejha u f’posizzjoni vicin il-falliment billi s-socjeta’ intimata tellghet bilanc li kien jaqbez l-miljun punt tnejn Ewro. Din l-interpretazzjoni tal-kuntratt da parti tas-socjeta intimata waslet ghas-sitwazzjoni assurda fejn is-socjeta’ intimata setghet titlob mid-Dwana refund ta’taxxa li hija lanqas kienet ghadha hallset lis-socjeta’ rikorrenti. Fil-fatt l-intimata giet f’posizzjoni li setghet tapplika mad-Dipartiment tad-Dwana ghar-rifuzjoni tad-dazju meta hija lanqas kienet ghadha hallset dak id-dazju. Id-Dipartiment tad-Dwana beda jaghmel pressjoni fuq is-socjeta’ rikorrenti biex thallas ghax il-Gozo Channel kienet qed titlob rifuzjoni tax-taxxa.*

*Illi kif xehed Michael Zammit huwa minnu li x’hin jaqbez ix-xahar jibda ghaddej l-imghax izda huma mhux imghax riedu izda il-flus biex ihallsu l-prodott u anke biex ihallsu lid-Dwana it-taxxa dovuta. Qal li huma ma jistghux jahdmu bi tlett xhur lura u qatt ma kienet l-intenzjoni taghhom li l-kreditu jigi imtawwal ghal 90 gurnata. Kieku kien hekk, kienu isemmu mall-ewwwel li l-kreditu huwa ta’ 90 jew 120 gumata u mhux li l-hlas hu dovut wara tletin gurnata. Jargumenta ii kieku ma kienx hekk, ma kienx ikun hemm ghal fejn li l-Bord tas-socjeta’ intimata jiehu decizjoni biex jipprolunga 1-credit terms kieku dawn kienu mal-ewwel 120 gurnata.*

*Id-decizjoni li s-socjeta’ intimata ttawwal dan il-perjodu ta’ kreditu haditha hija wahedha u ma kien hemm l-ebda ftehim mal-Go Fuels, li ma accettatx li l-*

*pagamenti jaqbzu t-tletin gurnata. Ghalkemm kienet tilmenta mas-socjeta' intimata, hi kellha taccetta l-pagamenti b'dak il-mod u fil-frattemp il-bilanc kompla tiela u qabez il-miljun li ghal kumpanija dana ma kienx accettabili.*

*Illi ghathekk fil-fehma tal-arbitru s-socjeta' intimata qeghda in breach of contract billi ma mxietx in bona fede fl-interpretazzjoni u implimentazzjoni tat-termini tal-kuntratt. 'Il-kuntratti jridu jigu esegwiti in bona fede, u diversi raggiri li forsi ma jiksrux il-kelma tal-ftehim, izda li, in effett, jinnewtralizzaw l-iskop ahhari tieghu, ma jistghux jigu sanzjonati'*

*2.Kancellament unilaterali fi-ammonti dovuti.*

*Illi s-socjeta' rikorrenti fl-avviz ta' arbitragg sostniet ukoll li s-socjeta' intimate qed tirrifjuta li thallas l-ammont shih indikat f'diversi fatturi mahrugin minnha peress illi hija qed tallega li s-socjeta' rikorrenti ma kinitx qeghda dejjem tissupplixxi l-ammont shih ta' gasoil li kien qed jigi indikat fid-delivery note.*

*Is-socjeta' rikorrenti ssostni li l-litigazzjoni proprjament m'hijiex dwar jekk inghatax l-ammont ta' gasoil li kien hemm fl-invoice izda jekk il-Gozo Channel setghetx tnaqqas ammont b'mod arbitrarju u zzomm pagamenti minghajr ma ssegwi l-proceduri skont il-kuntratt.*

*Is-socjeta' intimata tibbaza l-posizzjoni legali taghha li ma thallasx l-ammonti kontestati ai termini tal-klawsola 26.4 ii jipprovdi hekk:*

*26:4 "The 30 day period may be suspended by notifying the Confractor that the payment request cannot be fulfilled because the sum is not due...The Contractor shall provide clarifications, modifications or further information within 30 days of being asked to do so. The payment period shall continue to run from the date on which a properly drawn-up payment request is registered".*

*Is-socjeta' rikorrenti ssostni ii 1-.intimati qatt ma ssospendew it-terminu tal-hlas jew innotifikawhom formalment li t-terminu ta' hlas qed jigi sospiz. Huma semplicement irrifjutaw ii jhallsu 1-ammont indikat mis-soejeta rikorrenti bhala dak supplit. Kienu ftehemu anke li ssir letter of protest meta ma jaqblux fuq l-ammont ta' gasoil supplit izda s-socjeta' intimata baqghet tingassa l-ammonti u ma ssegwiex il-procedura stabilita fil-kiawsola 26.4 tal-kuntratt. Peress illi l-kontestazzjoni nbdiet minn Gozo Channel, ir-rikorrenti jsostnu li hija messha tat bidu ghal process ta' 'Dispute Settlement' skont il-klawzola 40 tal-Kundizzjonijiet Generali izda dan qatt ma sar. Is-socjeta' intimata kellha dritt tissopsendi pagamenti, imma mhux li tikkancellahom kif ghamlet minghajr ma segwiet il-procedura korretta.*

*Is-socjeta intimata minn naha l-ohra ssostni li l-procedura ta' amicaible settlement ma tapplikax f'dana il-kaz. Tghid li s-socjeta' rikorrenti qed taghmel*

*partial delivery u ghalhekk hija kellha drill to give partial acceptance skont l-artikolu 31.5 tal-Kundizzjonijiet Generali. Skont l-intimati l-ammont imsejjah 'in dispute' ghalihom ifisser li l-ammont mhux dovut u mhux li kien qed jigi kontestat.*

*Illi Michael Zammit xehed dwar l-ammonti li kienu in disputa u li ma kinux qed jigu mhallsa mis-socjeta' intimata u huwa ma halla ebda dubbju f'mohh l-arbitru li kien hemm dispute dwar dawna l-ammonti u li s-socjeta' rikorrenti ma kinitx qed taqbel mal-procedura adottata mis-socjeta intimata. Anke l-intimat l-iehor, id-Direttur tal-Kuntratti fm-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jaccetta li l-artikoli 40 u 41 huma applikabbili, tant hu hekk, li hu jghid li wiehed kien jistenna li l-kumpanija rikorrenti tiftah proceduri ad hoc skont kif provdut fil-klawasoli 40 u 41 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt jew ghall-inqas tinkludihom fil-proceduri tal-arbitragg biex tigbor il-flus in kontestazzjoni.*

*Is-socjeta intimata ssostni ukoll li jekk is-socjeta' rikorrenti hasset li kien qed isir xi kancellament unilaterali ta' ammonti li allegatament gew forniti, kien jinkombi fuqha li tibda l-procedura ai termini tal-artikolu 40 tal-kundizzjonijiet generali u fm-nuqqas ta' ftehim ai termini tal-artikolu 41 tal-istess kundizzjonijiet.*

*Illi l-arbitru ma' jaqbilx mal-intimati li l-ammonti li ma kienux qed jithallsu mill-intimati ma kienux in disputa u ma kienux dovuti. Ir-rikorrenti kkontestaw kemm li ma nghatax il-gasoil indikat fid-delivery note, kif ukoll il-metoduli intuza biex il-flus jinzammu unilateralment u jigu ngassati arbitrarjament mill-intimati.*

*Fuq dawn l-ammonti ghalhekk jirrizulta li kien hemm dispute u konsegwentement il-partijiet kellhom jirrikorru ghal amicable dispute settlement ai termini tal-artikolu 40 imsemmi.*

*L-arbtitru hawn jaqbel pero' mal-intimati li stante li kienu r-rikorrenti li ma kienux qed jaqblu mal-procedura addottata mill-intimati, u kienu qed jikkontestaw l-ammonti li l-intimati qed izommu, allura kellhom ikunu huma li jinizjalaw il-procedura ta' dispute settlement. Inoltre, fil-fehma tal-arbitru, l-kwistjoni tal-kancellament unilaterali tal-ammonti mill-intimati, lanqas ma kienet raguni valida biex ir-rikorrenti jitolbu li jitterminaw il-ftehim kif ghamlu f'dan l-arbitragg.*

*Is-socjeta intimata ressqet argument iehor ii anke jekk jigi deciz ii l-ftehim kellu jigi terminat, xorta wahda kellu jibqa' fis-sehh il-kuntratt originali ma' Salvu Zammit & Sons Ltd billi meta s-socjeta rikorrenti dahiet fix-xena, S.Zammit & Sons ma kietx eskiuza mill-istess ftehim.*

*Illi fil-fehma tal-arbitru, la darba l-ftehim jista' jigi terminat mis-socjeta' rikorrenti, l-istess jghodd ghall-kumpanija Salvu Zammit & Sons li kienet parti fi-istess ftehim u daqs kemm mhux qed tigi eskiuza mill-ftehim kif qed jissottomettu l-intimati, daqstant iehor tista tigi eskluza minhabba r-ragunijiet moghtija fil-konfront tas-socjeta rikorrenti.*

*Eccezzjoni ta' Direttur Generali tal-Kuntratti.*

*Illi d-Direttur Generali tal-Kuntratti ssottometta li huwa m'ghandux iwiegeb ghat-talbiet tal-kumpannija rikorrenti billi l-ilment taghha mhuwiex mibni fuq xi ghemil jew fuq xi nuqqas imwettaq mid-Direttur Generali tal-Kuntratti. Il-mod ta' kif jitwettqu l-pagamenti ma hijiex imputabbli lid-Direttur tal-Kuntratti peress li skont il-kuntratt ir-responsabbilita tal-hlas hija mqieghda fuq il-Gozo Channel Company Limited; inoltre l-intimat ma zamm ebda pagamenti li huma dovuti lis-socjeta rikorrenti.*

*L-uniku argument li gabet s-socjeta' rikorrenti f'dan ir-rigward huwa dak fejn issostni li r-rwol tad-Direttur Generali ma kienx wiehed passiv, cjoe semplicement firmatarju ghan-nom tas-socjeta' intimata, imma huwa kellu sehem attiv peress li seta jaghti ordnijiet ii jikkoncernaw pagamenti tant li meta kienet ghada ma gietx imgedda l-garanzija bankarija li kellha tohrog is-socjeta' rikorrenti. Skont Jacqueline Mizzi, id-Direttur intimat kien waqqatha milli tghaddi l-pagament dovut lir-rikorrenti f'dik l-okkazzjoni.*

*Illi fil-fehma tal-arbitru l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Direttur hija gustifikata u ghandha tintlaqa' billi l-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti f'dana l-arbitragg huma indirizzati fil-konfront tas-soejeta' intimata Gozo Channel u hi dina l-kumpanija li trid twiegeb ghall-ilmenti tas-soejeta rikorrenti u mhux id-Direttur tal-Kuntratti.*

*Decide*

*Ghal dawn il-motivi l-arbitru jiddeciedi billi jilqa l-ewwel ilment tas-socjeta' rikorrenti u jiddikjara l-kuntratt terminat minhabba bdil unilaterali tal-metodu tal-hlas mis-socjeta' intimata meta giet in breach of contract billi ma mxietx bil-bona fede kemm fl-implimentazzjoni tat-termini tal-kuntratt.*

*Tichad it-tieni talba ghar-raguni fuq imsemmija.*

*Tillibera lill-intimat Direttur tal-Kuntratt mill-osservanza tal-gudizzju billi mhux il-legittimu kontradittur*

*Spejjez jithailsu kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' intimata Gozo Channel Co Ltd u terz mis-socjeta rikorrenti.*

*L-ispejjez tal-intimat Direttur tal-Kuntratti huma a karigu tas-socjeta' rikorrenti.'*

Illi s-socjeta appellanti Gozo Channel Company Limited aggravata b'dan il-*lodo* arbitrali ressqet appell limitatament minn dik il-parti tad-decizjoni fejn giet milqugha l-ewwel talba maghmula mis-socjeta appellata u dan abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. illi l-Arbitru erronjament iddecieda illi t-terminu ghal hlas tal-*marine gas oil* ikkonsenjat mis-socjeta appellata lil dik appellanti kellu isir fi zmien tletin jum u mhux wara l-iskadenza tat-tletin jum minn meta z-zejt jigi mghobbi fuq il-bastiment u dan kif miftiehem fl-artikoli 26 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet u l-artikolu 28 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt. Kwindi id-decizjoni impunjata taghti interpretazzjoni zbaljata ta' dawn il-kundizzjonijiet kontrattwali, b'dan ghalhekk illi l-Arbitru skarta kompletament l-applikazzjoni ta'l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili

2. L-Arbitru ukoll erronjament iddecieda illi l-kuntratt seta jigi xjolt wara l-iskadenza ta' tletin gurnata ai termini ta'l-artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-kuntratt. Illi l-Arbitru mar oltre dak li kien gie mitlub minnu meta dahal biex jinterpreta dina il-klawsola kontrattwali meta ma kienx gie mitlub jaghmel dan. Illi l-klawsoli li jirreferu ghal hlasijiet huma dawk minn 26 sa 28 tal-kuntratt. Illi l-ilment imressaq ghad-decizjoni tal-Arbitru kien il-bdil unilaterali da parti tas-socjeta appellanti tal-kundizzjonijiet tal-pagament meta il-hlasijiet bdew isiru oltre it-terminu tat-tletin jum u ghalhekk qed isir b'mod tardiv.

3. Isegwi ghalhekk illi l-applikazzjoni ta'l-artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet generali fejn dan jikkontempla x-xoljiment tal-ftehim f'kaz ta' ksur ta'l-obbligi kontrattwali ma kellux isib applikazzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 28 li specifikatament jirreferi ghal pagamenti tardivi kellu jissupera dak stipulat fl-artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Generali li huwa strettament marbut mal-artikolu 37 li jikkontempla ic-cirkostanzi fejn il-kuntratt jista jinhall.

4. Illi l-Arbitru erronjament iddecieda illi gjaldarba is-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta appellanti kienet wahda hazina allura minn hawn kellu jirrizulta l-*mala fede* taghha fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. Ukoll hawn l-Arbitru ghamel applikazzjoni hazina tad-dritt meta inoltra ruhu f'kwistjoni li ma kenitx tifforma kontroversja bejn il-ko-litigandi.

5. Huma ukoll gratwiti l-konkluzjonijiet raggunti mill-Arbitru illi s-socjeta appellanti kienet taf sa mill-bidu nett li ma kenitx ser tkun f'posizzjoni tonora l-obbligi minnha assunti u cioe' li thallas bil-metodu miftiehem ta' kreditu ta' tletin jum u li allura kien prevedibbli ghaliha mill-bidunett illi ma kenitx ser tkun fil-qaghda finanzjarja li taghmel il-pagamenti dovuti.

6. Illi allura mhuwiex minnu dak affermat mill-Arbitru illi s-socjeta appellanti kienet *in breach of contract* billi ma imxietx *in bona fede* fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni tat-termini tal-kuntratt. Illi mill-atti jirrizulta illi kien hemm kontestazzjoni minn naha tas-socjeta appellanti dwar l-ammont ta' *fuel* li kien qed jigi supplit billi saret allegazzjoni illi kien qed isir *partial delivery* tal-*fuel* indikat fl-*invoices* u li kwindi kien qieghed jintalab pagament ghal *fuel* li ma kienx qed jigi ikkonsenjat. Illi ai termini ta'l-artikolu 26.4 tal-kuntratt tali evenjenza kellha iggib maghha is-sospensjoni tat-terminu tal-hlas ta' tletin jum ipprovdut fl-artikolu 26.3 tal-Kundizzjonijiet Specjali.

7. Illi fl-evenetwalita illi l-ftehim bejn is-socjeta appellanti u dik appellata kellu jigi terminat, xortawahda kellu jibqa fis-sehh il-kuntratt originali iffirmat bejnha u is-socjeta Salvu Zammit & Sons Limited billi meta dahhlet bhala parti fil-kuntratt is-socjeta appellata, dik ta' Salvu Zammit ma gietx eskluza. Illi dan huwa rifelss fl-*Addendum no 1* anness mal-kuntratt fejn gie miftiehem illi bl-inkluzjoni tas-socjeta appellata bhala parti fil-ftehim, din ma kenitx qed tissostitiwixxi s-socjeta Salvu Zammit & Sons Limited izda sabiex iz-zewg kumpaniji flimkien ikunu jistghu jimplimentaw il-kuntratt.

Illi preliminarjament is-socjeta appellata tissolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tal-appell billi fil-fehma taghha l-istess gie ipprezentat quddiem il-qorti zbaljata billi appell li mhuwiex wiehed mandatorju ghandu isir quddiem din il-qorti fil-kompetenza superjuri taghha.

Illi l-Qorti ser tissorvola dan il-pregudizzjali minnufih billi huwa kompletament infondat u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 70(3) fejn jinghad b'referenza ghall-appell minn arbitraggi domestici illi:

"**Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u l-artikoli 57 u 73, il-Qorti tal-Appell għandha tkun magħmula bil-mod provdut fl-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**"

**…** liema disposizzjoni tal-ligi procedurali tirreferi ghal dina l-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha u kwindi l-argumenti ta' dritt imressqa mis-socjeta appellata fir-rigward huma destinati li jfallu.

Sorvolat dan l-ostakolu procedurali jifdal ghalhekk biex jigi trattat dan l-appell fil-mertu. Izda qabel xejn il-Qorti tqies illi ikun opportun illi jigi puntwalizzat illi appell minn decizjoni arbitrali hija cirkoskritta f'dak dispost fl-artikolu

70A(3) tal-Att dwar l-Arbitragg u li decizjoni arbitrali tista tigi impunjata fil-limiti stretti ta'l-artikolu 70A(1) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri "**fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali maghmula fil-procedimenti**." Illi di piu' id-dettam ta'l-artikolu 70B(1) jipprovdi illi meta jsir appell taht l-artikolu 70A, l-appellanti ghandu jidentifika l-punt ta' ligi li ghandha tittiehed id-decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t-tifsira li r-rikorrenti jallega li hi it-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat.

"**Jikkonsegwi minn dan illi hu dejjem necessarju li mill-att ta' l-appell jirrizulta liema hi n-norma vjolata ossija l-principju tad-dritt li l-appellanti jippretendi li gie lez. Li jfisser illi min jimpunja d-decizjoni ghandu jispecifika, fil-konkret, il-punt tal-ligi vjolat, u in aggunta igib in riljev il-punt u l-mod fejn l-Arbitru ddiskosta ruhu minnu. Irid jizdied illi mhix sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata mill-Arbitru. Dan, ghaliex kritika f' din id-direzzjoni ma tistax hlief titraduci ruhha, in sostanza, ghal talba ta' l-accertament *ex novo* tal-fatti tal-kaz u dan, kif gja rilevat, hu inammissibbli;**

**Premess dan, …. irid jinghad illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi Artikolu 70B (1), ma jidherx li hu indispensabbli illi l-impunjattiva trid bilfors tikkontjeni indikazzjoni specifika ta' xi artikolu tal-ligi li jinghad li gie vjolat. Jibbasta li jigi pprecizat l-punt tal-ligi estratt mis-sentenza attakkata u li tinghata t-tifsira korretta dwaru.[1]**"

Issa minn qari akkurata ta'l-atti arbitrali kif ukoll tal-*lodo* impunjat ma jidhirx illi t-Tribunal inoltra ruhu f'ezami ta' xi punt ta' dritt ghajr li illimita ruhu ghal interpretazzjoni tal-klawsoli kontrattwali milhuqa bejn il-partijiet. Illi l-impunjattiva tas-socjeta appellanti ghal *lodo* arbitrali fil-fatt huma diretti kollha

[1] App.Inf. 14/03/2007 Maryanne Sciclunna vs Dr. Daniela Chetcuti

lejn dan il-punt ta' kontroversja u mhux lejn xi applikazzjoni ta' dritt erronjament applikat mill-Arbitru.

Dak li huwa rimess allura ghal gudizzju ta' din il-qorti ta' revizjoni huwa interpretazzjoni *ex novo* tal-klawsoli kontrattwali konnessi mal-pagamenti li kellhom issiru mis-socjeta appellanti ghal *fuel* mibjugh u ikkonsenjat lilhom u b'mod specifiku dwar it-terminu tal-hlas lilhom koncess. Dan ghaliex is-socjeta appellanti tishaq illi il-hlas tardiv ma kellux jirrizulta fit-terminazzjoni tal-kuntratt minhabba ksur tal-ftehim kontrattwali kif iddecieda erronjament l-Arbitru bl-applikazzjoni tal-klawsola numru 35 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-kuntratt. Dan ifisser minghajr dubbju illi l-lanjanzi sollevati mis-socjeta appellanti ma jistghux jigu issindikati minn din il-Qorti billi ma jirreferux ghal xi norma ta' dritt malament applikat mill-Arbitru, li allura jirrendi l-impunjattiva imressqa inappellabli. Fil-fatt fil-konsiderazzjonijiet li wasslu ghad-decizjoni finali, l-Arbitru jibda biex jelenka il-kundizzjonijiet kontrattwali in kontestazzjoni u wara dan jaghti l-interpretazzjoni taghhom fid-dawl tal-provi prodotti. Dan allura ma jistax ikun soggett ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti ta' revizjoni.

Illi fi kwalunkwe kaz minn ezami ta'l-atti u id-decizjoni arbitrali ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-Arbitru applika b'mod erronju xi punt ta' dritt applikabbli ghal kaz taht il-lenti tieghu. Illi minn qari tal-klawsoli in dizamina u cioe' l-artikolu 26 u 28 tal-Kundizzjonijiet Specjali huwa bil-wisq evidenti, u dana b'applikazzjoni ta'l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili, illi kien hemm terminu ta' tletin jum kreditu koncess lis-socjeta appellanti u dan mill-konsenja tal-*fuel* abbord il-bastimenti. Jekk wara l-iskadenza ta' dan it-terminu il-hlas jibqa' ma jigix, ikun hemm dilazzjoni ghal pagament ta' sittin jum ohra bl-imghax izda jibda jiddekorri. Dan ifisser allura illi l-hlas kellu jigi effetwat fi zmien disghin jum mill-konsenja abbord u mhux kif erronjament estiz mis-socjeta appellanti

ghal 120 jum. Dan it-terminu ta' tletin jum jerga' jigi imsemmi fil-Kundizzjonijiet Generali – klawsoli numru 26 u 28 li allura ma ihalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni ohra tal-klawsola numru 26.1 tal-Kundizzjonijiet Specjali u cioe' illi it-terminu ta' kreditu kellu ikun wiehed ta' tletin jum, wara liema terminu il-hlas allura ikun dovut biex b'hekk jekk imbaghad ma isirx fi zmien xahrejn l-imghaxijiet ikunu dovuti. Illi mill-apprezzament tal-provi maghmula mill-Arbitru, liema apprezzament ma jistax ikun soggett ghal revizjonni f'dan l-istadju, jirrizulta illi s-socjeta appellanti kienet ipprolungat dan it-terminu ta' kreditu koncess unilaterlament u dan b'decizjoni tal-Bord tal-Gozo Channel biex b'hekk avverat ruhha lezjoni ta'l-obbligi kontrattwali assunti minnha. Dan ghaliex ma setatx unilaterlament tbiddel dak pattwit bejn il-partijiet u dan ghal ragunijiet imputabbli lilha biss. Illi anke l-konkluzjoni raggunta mill-Arbitru illi s-socjeta appellanti ghandha titqies li kienet in *mala fede* u dan sa mill-mument illi hija iffirmat il-ftehim *de quo* hija ukoll gudizzju ta' fatt li ma tistax tkun soggetta ghal-iskrutinju tal-qorti.

Illi s-socjeta appellanti tilmenta ukoll illi l-Arbitru ma setax jilqa' l-ewwel ilment imressaq mis-socjeta appellata abbazi tal-ksur tal-klawsola numru 35 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt billi dina l-klawsola kontrattwali ma kenitx tifforma parti mill-kontroversja bejn il-partijiet u kwindi l-Arbitru mar oltre dak li gie rimess ghal gudizzju tieghu. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-fehma ghaliex it-talba tas-socjeta appellata kienet sabiex jigi determinat jekk is-socjeta appellanti kenitx kissret l-obbligi kontrattwali minnha assunti meta unilateralment biddlet il-metodu tal-pagament. Dak li kellu jaghmel, allura l-Arbitru huwa li jezamina l-kuntratt fit-totalita tieghu sabiex ikun jista' jasal ghal interpretazzjoni ekwa u gusta ta' dak miftiehem bejn il-partijiet. Il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura f'din l-interpretazzjoni maghmula mill-Arbitru u allura

dan l-aggravvju ma jaqax taht dak dettat fl-artikolu 70(1)(iii) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ukoll qed jigi michud.

Finalment il-Qorti tqies illi l-lanjanza sollevata mis-socjeta appellanti illi gjaldarba il-kuntratt mas-socjeta appellata gie xjolt, allura dan ifisser illi dan ghadu iregi fil-konfront tas-socjeta Salvu Zammit and Sons Limited ma tistax tifforma punt ta' kontroversja f'dan il-litigju bejn il-ko-litigandi billi l-imsemmija socjeta ma hijiex parti f'dawn il-proceduri arbitrali. Illi di piu ghalkemm jidher illi dawn iz-zewg socjetajiet jifformaw parti mill-istess *Group of companies*, mill-klawsola numru 2 tal-Addendum numru 1 ghall-kuntratt gie pattwit hekk:

"*The Parties agree that all duties and obligations arising from the Original Agreement shall be carried out in its entirety by GO Fuels Ltd which hereby signifies its unconditional acceptance.*"

biex b'hekk is-socjeta appellata assumiet l-obbligi kollha kontrattwali milhuqa fil-ftehim in konnessjoni mal-konsenja tal-*fuel*. Dan ifisser allura kif guStament ikkonkluda l-Arbitru illi kwalsiasi ksur kontrattwali ikun sar fil-konfront tal-partijiet kollha illi ikunu firmatarji ghal dak il-kuntratt.

Illi finalment ghalkemm jidher illi s-socjeta appellanti qieghda tressaq ilment ukoll marbuta mat-tieni talba imressqa mis-socjeta appellata ghad-decizjoni ta'l-Arbitru u dan in konnessjoni ma' disputa li tqajjmet bejn il-partijiet ghar-rigward ta' hlasijiet li intallbu mis-socjeta appellata ghal *fuel* li ma kienx gie ikkonsenjat, din il-parti tad-decizjoni arbitrali ma tifformax parti mill-mertu ta' dan l-appell billi s-socjeta appellanti tallbet biss ir-riforma tad-decizjoni in kwantu din laqghet l-ewwel talba tas-socjeta appellata u mhux fir-rigward tal-parti fejn it-tieni talba giet michuda. Kwindi din il-Qorti, anke fuq

konsiderazzjonijiet maghmula iktar ‘il fuq hija prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-aggravvju imressaq in konnessjoni ma’l-istess.

Illi maghdud dan allura il-Qorti hija tal-fehma illi il-lanjanzi kif prospettati mis-socjeta appellanti ma jinkwadrawx rwiehom taht id-dettami ta’l-artikolu 70A(1) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwindi qed jigu rigettati. Fi kwalunkwe kaz, kif imfisser, din il-Qorti ma issib xejn x’ticcensura fil-*lodo* arbitrali u ghalhekk tikkonferma l-konkluzjonijiet hemmhekk raggunti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud bl-spejjez ta’ dina l-istanza kontra s-socjeta appellanti.

(ft) Edwina Grima
Imhallef.
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur